# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025**

**Numru: 15**

**Rikors Numru: 60/2017/1 FDP**

**San Lawrenz Operators Limited**

**v.**

**S. Mifsud & Sons Limited**

**Lowcostbeds.com AG**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat liż-żewġ konvenuti, kumpanija estera u kumpanija Maltija, *in solidum,* iħallsu lill-attriċi l-prezz ta' *bookings* ta' akkomodazzjoni f'lukanda tal-attriċi wara li l-Qorti kkategorizzat lill-kumpanija Maltija bħala kummerċjant kummissjonant u s-soċjetà estera bħala prinċipal fit-termini tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi tal-

Kummerċ. Kunsiderazzjonijiet dwar il-figura ta' kummerċjant kummissjonant u dwar l-interpretazzjoni ta' kuntratti.

**Daħla**.

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Jannar, 2017 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti), is-**soċjetà attriċi San Lawrenz Operators Limited (aktar 'l isfel imsejħa Kempinski)** spjegat illi hija tiġġestixxi l-lukanda magħrufa bl-isem "Kempinski Hotel San Lawrenz", fi Triq ir-Rokon, San Lawrenz, Għawdex; illi kellha ftehim mal-konvenuti s-soċjetà S. Mifsud & Sons Limited u mas-soċjetà estera Lowcostbeds.com AG, li permezz tiegħu, kienet tirċievi prenotazzjonijiet dwar klijenti tal-konvenuta Lowcostbeds.com AG, u liema prenotazzjonijiet kienu jsiru mill-konvenuta S. Mifsud & Sons Limited fl-interess u fuq inkarigu tal-konvenuta Lowcostbeds.com AG; illi l-attriċi kienet tiffattura lill-konvenuta S. Mifsud & Sons Limited, li min-naħa tagħha kienet tħallas l-istess fatturi u li kienet titħallas kummissjoni fuq il-prenotazzjonijiet ġenerali in konnessjoni mal-klijenti tal-konvenuta Lowcostbeds.com AG; illi dwar il-prenotazzjonijiet magħmula mal-attriċi mill-konvenuta S. Mifsud & Sons Limited in konnessjoni mal-klijenti tal-konvenuta Lowcostbeds.com AG għad hemm bilanċ pendenti favur l-attriċi fl-ammont ta' għoxrin elf u sitta u tmenin ewro (€20,086); illi tqis li dan l-ammont huwa dovut mill-konvenuti solidalment, li madanakollu

baqgħu inadempjenti u li għalhekk kellha tistitwixxi din il-kawża. Talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti:

> "(1) tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment debituri tagħha fl-ammont ta' għoxrin elf u sitta u tmenin Ewro (€20,086);
>
> (2) tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' għoxrin elf u sitta u tmenin Ewro (€20,086), u dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun.
>
> Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali, dekorribbli mill-1 ta' Lulju 2016 saljum tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti in solidum, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tal-konvenuti fil-proċeduri ġudizzjarji."

2. B'<u>risposta ġuramentata</u> ppreżentata fis-17 ta' Frar, 2017, is-**soċjetà konvenuta S. Mifsud & Sons Limited (aktar 'l isfel imsejħa SMS)** laqgħet għat-talbiet attriċi billi resqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> 1. "Illi s-soċjetà eċċipjenti mhux debitriċi tal-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi.
>
> 2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjetà eċċipjenti ma tista' bl-ebda mod tinżamm responsabbli solidalment mas-soċjetà konvenuta l-oħra Lowcostbeds.com AG għal xi ammont dovut minn din ta' l-aħħar.
>
> 3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ma hemm l-ebda ftehim li permezz tiegħu s-soċjetà eċċipjenti aċċettat xi responsabbilita għal xi ħlas ta' ammonti eventwalment dovuti mis-soċjetà konvenuta l-oħra.
>
> 4. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, mid-dokumenti eżebiti mis-soċjetà attriċi jidher li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi, jirreferi għal-perjodu li mhux regolat mill-ftehim eżebit mill-istess soċjetà attriċi bħala Dokument A.
>
> 5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, ir-relazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u dik eċċipjenti hija regolata permezz tal-ftehim hawn annessi u mmarkati Dok. 'SMI' u 'SM2' ai termini ta' liema - inter alia tal-klawsola numru 8 - is-soċjetà esponenti ma hi responsabbli għall-ebda ħlas."

3. Is-**soċjetà konvenuta Lowcostbeds.com AG (aktar 'l isfel imsejħa Lowcostbeds)** ġiet notifikata bl-atti tal-kawża ġewwa l-indirizz tagħha fl-Isvizzera fis-6 ta' Marzu 2017, iżda ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi.

4. B'sentenza tal-25 ta' Mejju, 2021 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi:

1. Ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata S. Mifsud & Sons Limited.
2. Laqgħet it-talbiet attriċi limitatament billi ddikjarat illi l-konvenuti Lowcostbeds.com AG u S. Mifsud & Sons Limited huma solidalment debituri tal-attriċi fis-somma ta' tmintax-il elf, ħames mija u sitta u għoxrin ewro (€18,526);
3. Ikkundanant liż-żewġ konvenuti solidalment bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, ħames mija u sitta u għoxrin ewro (€18,526).
4. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti solidalment u bl-imgħax kummerċjali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

5. SMS ippreżentat appell b'rikors tal-14 ta' Ġunju, 2021 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "tħassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti li permezz tagħha iddikjarat li s-soċjetà ... S.Mifsud & Sons Limited għandha tħallas

in solidum mas-soċjetà konvenuta appellata Lowcostbeds AG lill-attriċi s-somma ta' €18,526 u kkundannat lil SMS tħallas lill-attriċi s-somma msemmija bl-imgħax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjeż u minflok tiċħad it-talbiet attriċi safejn huma indirizzati lil SMS u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' SMS."

6. L-attriċi rrispondiet fl-1 ta' Lulju, 2021 fejn, għar-raġunijiet minnha mogħtija, opponiet għal dan l-appell.

7. Din il-Qorti appuntat ir-rikors tal-appell għas-smigħ, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-attriċi u ta' SMS fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2024 u ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti**.

8. Il-fatti li taw lok għal din il-kawża ġew miġbura mill-Ewwel Qorti kif ġej:

> "23. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjetà rikorrent tiġġestixxi l-operat tal-lukanda ġewwa Għawdex bl-isem ta' Kempinski Hotel San Lawrenz.
>
> 24. Jirriżulta illi s-soċjetà estera Lowcostbeds.com kienet kumpannija illi kienet topera pjattaforma elettronika għall-prenotazzjoni u ħlas ta' akkommodazzjoni ġewwa lukandi fid-dinja kollha, inkluż Malta.
>
> 25. Jirriżulta illi, ġewwa Malta, s-soċjetà estera Lowcostbeds.com kienet tipprenota kmamar ġo varji hotels, fosthom il-hotel operata mis-soċjetà rikorrenti, Kempinski Hotel San Lawrenz.

26. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata, S. Mifsud & Sons Limited, kienet is-soċjetà Maltija imqabbda minn Lowcostbeds.com sabiex topera s-servizz minnha mogħtija, w kienet is-soċjetà indikata bħala 'local representative' illi kienet tiġġestixxi kemm il-prenotazzjonijiet, ossija "reservations", kif ukoll il-ħlasijiet.

27. Jirriżulta illi fil-15 ta' Lulju 2016, is-soċjetà estera Lowcostbeds.com AG ħabbret illi kienet falliet u kienet għalhekk ser tieqaf topera b'effett immedjat.

28. Jirriżulta illi, minnufih, is-soċjetà intimata S. Mifsud & Sons Limited għarrfet lis-soċjetà rikorrenti b'email datata 19 ta' Lulju 2016 mibgħuta fil-11.26am illi l-bookings kollha illi saru mas-soċjetà rikorrenti kellhom jitqiesu bħala kanċellati b'effett immedjat. (fol 77-78)

29. Jirriżulta illi, nelfrattemp, kien għad fadal xi jsiru ħlasijiet għall-prenotazzjonijiet ta' kmamar eventwalment utilizzati mill-klijenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Frar 2016 u l-1 ta' Lulju 2016, liema ħlasijiet kienu għadhom ma sarux.

30. Jirriżulta illi fl-20 ta' Lulju 2016, is-soċjetà rikorrenti għarrfet lis-soċjetà intimata dwar il-pendenzi fuq imsemmija (fol 76) u s-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited b'korrispondenza mibgħuta dakinhar stess għarrfitha li kienu ser jagħmlu laqgħa magħhom sabiex jiddiskutu l-affarijiet f'aktar dettall. (fol 74)

31. Jirriżulta illi għalkemm f'tali laqgħa s-soċjetà rikorrenti ġiet mgħarrfa illi xi pagamenti kellhom isiru (fol 67), dawna eventwalment baqgħu ma sarux u għalhekk il-kawża odjerna kellha tiġi ppreżentata għall-ħlas tas-servizzi ġia reżi mis-soċjetà rikorrenti."

9. Il-konsiderazzjonijiet l-aktar rilevanti għal dan l-apell li għamlet l-Ewwel Qorti qabel waslet għad-deċiżżjoni tagħha huma s-segwenti:

"35. Jirriżulta, minn kliem il-Purchasing Director li kien jaħdem mas-soċjetà estera Lowcostbeds.com AG, Dirk Wiegreffe, illi s-soċjetà S. Mifsud & Sons Limited kienet il-'local representative' ta' Lowcostbeds.com AG, illi kienet responsabbli "in setting up meetings, day to day in resort operations/communications, provide commercial support such as addressing contract issues and securing special offers on behalf of Lowcostbeds.com". (fol 204)

36. Jirriżulta illi l-istess xhud jgħid illi "once any contracts had been agreed, these would be signed between Lowcostbeds.com, the hotel and

the local representative. The contract stated that all Lowcostbeds.com payments to the hotel were to be done via our local representative.” (fol 204)

37. Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti, fost id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata, eżebiet kuntratt datat 10 ta’ Diċembru 2015 redatt minn Lowcostbeds.com għall-perjodu 1 ta’ April 2016 sa 31 ta’ Ottubru 2016 (fol 69) u kuntratt ieħor datat 14 ta’ April 2016 għall-perjodu 1 ta’ Novembru 2016 sa 1 ta’ April 2017 (fol 4), li kien jipprovdi għal rati li biha s-soċjetà rikorrenti kienet ser tbiegħ il-kmamar tagħha fil-perjodi fuq indikati.

38. Jirriżulta illi tali ftehim huwa ffirmat mit-tlett partijiet fil-kawża odjerna, fejn is-soċjetà rikorrenti hija indikata bħala ‘Principal’, is-soċjetà intimata estera Lowcostbeds.com AG hija indikata bħala ‘Agent’ u s-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited hija indikata bħala l-persuna lil min isiru l-‘bookings’ u l-ħlasijiet relattivi.

39. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti in konnessjoni ma’ prenotamenti illi saru, bejn fol 112 u 181, illi fil-varji prenotazzjonijiet illi kienu qed isiru permezz tal-indirizz elettronku ‘lowcostbeds@sms.com.mt’, is-soċjetà intimata S. Mifsud & Sons kienet qed tindika lilha nnifisha dejjem bħala ‘Principal Name’.

40. Jirriżulta wkoll illi l-invoices kienu dejjem jinħarġu f’isem ‘SMS Incoming Tourism’ (vide per eżempju fol 159) u l-ħlasijiet kienu jsiru mis-soċjetà S. Mifsud & Sons Limited li kienet toħroġ ‘Remittance Advice’ f’isimha. (vide per eżempju fol 166)

41. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited tikkontendi illi hija kienet intermedjarju bejn it-“tour operator’, f’dan il-każ, Lowcostbeds.com AG, u l-lukanda, f’dan il-każ il-Kempinski Hotel San Lawrenz.

42. Il-Qorti, iżda tosserva li jirriżulta, mill-assjem tad-dokumentazzjoni ippreżentati, illi aktar minn intermedjarja, s-soċjetà intimata S. Mifsud & Sons Limited kienet attwalment tiġġestixxi l-operazzjoni kollha tas-soċjetà intimata Lowcostbeds.com AG ġewwa Malta, fejn tipproċessa l-bookings kollha u tilqa’ kif ukoll tagħmel il-ħlasijiet kollha għan-nom tas-soċjetà w kienet tieħu “overriding commission” minn fuq dak ix-xogħol, kif tistqarr il-Manager Federica Agius fix-xhieda tagħha. (vide fol 205)

43. Jirriżulta wkoll illi kienet is-soċjetà intimata Lowcostbeds.com AG, tramite is-Sales Manager tagħha, Dirk Wiegreffe, illi kienet tagħmel in-negozjati kollha għal dak illi jirrigwarda servizzi li kienu ser jingħataw mis-soċjetà rikorrenti, w is-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited ma kienet f’ebda posizzjoni illi tinnegozja jew tinkludi bejgħ għan-nom tas-soċjetà Lowcostbeds.com AG – għalhekk, is-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited ma tista’ qatt titqies bħala ‘aġent tal-kummerċ’, kif stabbilit fl-Artikolu 70A tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13).

44. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited, kienet topera lokalment fuq struzzjonijiet u a benefiċċju tas-soċjetà intimata Lowcostbeds.coms AG, bir-riżultat illi għalhekk hija għandha titqies bħala 'kummerċjant kummissjonant' kif stabbilit fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap 13).

45. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-kawża 'Vivaldi Hotels Operations Limited vs Intramed Limited', deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007, fejn 'ċirkostanzi simili ħafna għal dawk odjerni, kellha dan xi tgħid: Mill-provi prodotti jidher li fit-trattativi li s-soċjetà konvenuta kellha mas-soċjetà attriċi l-istess soċjetà konvenuta, għall-anqas fil-maġġor parti tat-trattativi ma indikatx li hija kienet qed taġixxi għan-nom u in rappreżentanza ta' persuna oħra, anzi l-ordnijiet kienu jsiru f'isimha u l-invoices kienu jinħarġu f'isimha mingħajr ebda protesta da parti tagħha. Anzi meta fil-"vouchers" li kienu jiġu preżentati lis-soċjetà attriċi kien jissemma' xi "tour operator" dan l-istess dokument kien jispeċifika "Booked and paid by IntraMed Travel Bureau Malta". Jidher għalhekk li s-soċjetà konvenuta, anke jekk seta' kellha arranġamenti ta' "handling agent" mat-tour operators esteri, fatt li ma ġiex pruvat b'mod konklussiv, xorta waħda l-istess soċjetà konvenuta għandha tirrispondi għat-talba attriċi billi qatt ma indikat lill-istess soċjetà attriċi li hija kienet qed tidher għan-nom ta' ħaddieħor u mhux f'isimha b'mod li svijjat lill-istess soċjetà attriċi.

46. Jirriżulta ċar illi, fil-każ odjern, is-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited kienet qiegħda taġixxi fl-interess u a benefiċċju tas-soċjetà estera Lowcostbeds.com.AG u ta' dan kienet titħallas 'overriding commission', bir-riżultat illi għalhekk, hija għandha titqies "obbligat direttament ma' dawk li magħhom jikkuntratta, daqs li kieku l-operazzjoni kienet tiegħu nniffsu", kif jipprovdi l-Artikolu 97 tal-Kap 13. 47. Huwa ċar, fil-każ odjern, illi s-soċjetà intimata S Mifsud & Sons Limited kienet qiegħda taġixxi bħala kummerċjant kummissjonant, u għalhekk hija responsabbli għall-ħlasijiet bħal li kieku kienu dovuti minnha, kif del resto dejjem ġie indikat flinvoices kollha illi qatt ma ġew minnha kkontestati."

**L-Appell**.

10. L-appell ta' SMS jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u l-applikazzjoni tal-liġi għal dak l-apprezzament.

11. Tibda biex tilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat sottomissjoni magħmula għall-ewwel darba mill-attriċi fin-nota ta'

sottomissjonijiet tagħha illi SMS hi "kummerċjant kummissjonant ai termini ta' l-Artikolu 96 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap.13) ... billi injorat għal kollox ftehim bil-miktub bejn il-partijiet li rregola r-relazzjoni tagħhom ...". Tgħid li l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq fatturi "meħudin barra mill-kuntest tal-ftehim bil-miktub"; konklużjoni skont l-appellanti illi ma tirriżultax mill-provi prodotti u li tmur kontra dak li l-istess l-Ewwel Qorti rriskontrat bħala fatti.

12. Tgħid illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li SMS kienet qed taġixxi bħala kummerċjant kummissjonant essenzjalment minħabba erba' raġunijiet:

(i) "SMS kienet qed tiġġestixxi l-operazzjonijiet kollha ta' Lowcost gewwa Malta billi tipproċessa l-bookings kollha u tilqa' kif ukoll tagħmel il-ħlasijiet kollha għan-nom ta' Lowcost;
(ii) SMS kienet tieħu overriding commission;
(iii) SMS kienet topera fuq struzzjonijiet u a benefiċċju ta' Lowcost;
(iv) L-invoices kienu joħorġu f'isem SMS."

13. L-appellanti SMS tirreferi għax-xhieda prodotta mill-attriċi, b'mod partikolari dik ta' Deryk Sacco[1] fejn spjega li fl-industrija, il-lukandi jaħdmu ma' kumpaniji li joperaw bħala *travel agencies* u *travel handlers*. Tiċċita mix-xhieda tiegħu fejn spjega illi filwaqt li *travel agency* hija dik "li tagħmel profitt bil-mark-up fir-rati tal-kmamar, "handler ma jbiegħx il-kmamar, iżda jitħallas overriding commission mil-lukanda talli jkun intermedjarju bejn il-

[1] Fol. 66

lukanda u t-travel agent li invarjabilment tkun kumpanija estera. ... Fil-każ ta' Lowcostbeds.com AG, SMS kienet taġixxi bħala *handler.*" Tilmenta SMS illi l-Ewwel Qorti injorat din ix-xhieda u ta' xhieda oħra mressqa mill-attriċi fosthom ta' Alberto Hormigo Cebolla u Massimo Bonafaccia, u "minflok iddeċidiet li rwol ta' SMS kien ta' kummerċjant kummissjonant".

14. SMS tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkunsidrat bħala wieħed mill-fatturi li jagħmlu lil SMS kummerċjant kummissjonant il-fatt li SMS kienet qed titħallas *overriding commission* mingħand Kempinski. Tgħid li dan kien żball peress li jirriżulta mix-xhieda ta' Sacco, Cebola u Bonafaccia illi l-*commission* titħallas lil *handler* "għaliex dan ma jkunx hu li qed jixtri u jbiegħ il-kmamar." Tgħid illi l-*commission* kienet titħallas minn Kempinski lil SMS proprju għaliex SMS kien l-intermedjarju bejn Kempinski (il-lukanda) u Lowcost (it-*travel agent*).

15. Tkompli tgħid illi l-Ewwel Qorti injorat il-ftehim bil-miktub fejn skontha, għalkemm iffirmat minn SMS, il-partijiet kontraenti huma Kempinski u Lowcost għaliex l-obbligazzjonijiet previsti u assunti taħt dan il-kuntratt jorbtu lil Kempinski u Lowcost. Tisħaq illi mkien fil-kuntratt ma hemm xi obbligazzjoni assunta minn SMS favur xi parti. Temfasizza illi l-irwol tagħha kien li tgħaddi l-*bookings* ta' Lowcost lil Kempinski u meta tirċievi l-pagament mingħand Lowcost tgħaddihom lil Kempinski. Tilmenta illi l-Ewwel Qorti injorat il-provi li juru illi fil-maġġor parti tal-*emails*

trasmessi minn SMS lil Kempinski, SMS kienet tiddikjara illi l-*bookings* kienu ta' Lowcost; kif injorat ukoll il-fatt li l-maġġorparti tal-*bookings* kienu jsiru direttament minn Lowcost lil Kempinski.

16. Tirreferi għal diversi xhieda li spjegaw li l-flus li SMS kienet tgħaddi lil Kempinski kienu flus li hija tkun irċeviet mingħand Lowcost; u li Kempinski qatt ma kienet tippretendi xi ħlas mingħandha qabel ma SMS tkun irċeviet mingħand Lowcost il-flus dovuti lil Kempinski. Tgħid li għalhekk kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-fatt li l-fatturi kienu jinħarġu f'isem SMS huwa prova li SMS kienet qed taġixxi ta' kummerċjant kummissjonant. Tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni kif kien qed isir in-negozju "liema negozju kif diġà ngħad kien ilu għaddej b'dawn l-arranġamenti għal diversi snin."

17. Tgħaddi mbagħad biex tikritika s-sentenza appellata in kwantu ċċitat is-sentenza **"Vivaldi Hoels Operations Limited v. Intramed Limited"** u tispjega illi kuntrarjament għall-*fattispecie* f'dik il-kawża, fil-kawża odjerna "ma kien hemm ħadd mistur". Issemmi wkoll li l-Ewwel Qorti aċċettat illi SMS ma kienet f'ebda pożizzjoni li tinnegozja jew tikkonkludi bejgħ għan-nom ta' Lowcost, u li n-negozjati kienu jsiru bejn Kempinski u Lowcost direttament. Tissenjala wkoll illi l-*vouchers* li l-klijenti kienu jippreżentaw lil Kempinski sabiex jalloġġjaw magħha kienu jkunu f'isem Lowcost u qatt f'isem SMS.

18. Tinsisti illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni li tat lill-figura ta' kummerċjant kummissjonant u kif applikat dik l-interpretazzjoni għall-*fattispecie* tal-każ odjern. Issemmi illi skont Artikolu 96 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, sabiex tissussisti l-figura ta' kummerċjant kummissjonant, jeħtieġ li dan tal-aħħar ikun ikkuntratta f'ismu u mhux f'isem il-prinċipal tiegħu. Tirreferi wkoll għall-Artikolu 98 tal-istess kodiċi li jipprovdi illi ma hemmx azzjoni bejn il-prinċipal tal-kummerċjant kummissjonant u ma' min ikun ikkuntratta l-kummerċjant kummissjonant. Tgħid li l-provi kollha juru li SMS ma kenitx il-kummerċjant kummissjonant ta' Lowcost tant li l-Ewwel Qorti kkundannat lil Lowcost sabiex hi wkoll tħallas l-ammont mitlub mill-attriċi. Skont l-appellanti dan juri li l-Ewwel Qorti kkonfondiet il-prinċipji li jirregolaw il-kummerċjant kummissjonant. Tissottolinea illi ġaladarba hemm relazzjoni diretta bejn Kempinski u Lowcost, ma tistax tissussisti l-figura ta' kummerċjant kummissjonant. Figura li Kempinski ma semmithiex fir-rikors promotur imma semmietha għall-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet.

19. Tagħlaq l-appell tagħha billi tissottometti illi sabiex l-Ewwel Qorti tikkundanna lil SMS u lil Lowcost *in solidum* kien meħtieġ li jirriżulta li SMS ikkuntrattat direttament ma' Kempinski flimkien ma' Lowcost; prova li skont l-appellanti mhux biss ma tirriżultax; imma hemm provi li juru l-kuntrarju. Tgħid li l-aqwa prova li SMS qatt ma ntrabtet ma' Kempinski huwa l-fatt illi tul is-snin li dan l-arranġament baqa' jitħaddem Kempinski

"qatt ma talbet il-pagament direttament mingaħnd SMS, anzi kienet toqgħod tistenna li SMS tirċievi l-flus mingħand Lowcost."

20. L-appellata San Lawrenz Operators Limited tibda l-kontestazzjoni tagħha għal dan l-appell billi tirreferi għall-kuntratti esebiti mill-appellanti mar-risposta ġuramentata tagħha[2] li huma żewġ kuntratti mhux datati, iffirmati minn Kempinski u minn SMS imma mhux ukoll minn Lowcost, immarkati Dok SM1 u Dok SM2. Tgħid li permezz ta' dawn iż-żewġ kuntratti "... l-attriċi ntrabtet favur l-appellanti bir-rati fuq il-kmamar stipulati fl-istess kuntratti, kif ukoll għall-ħlas ta' kummissjoni ta' 5%." Tirreferi għal dak li jingħad fit-tmien paragrafju tal-kondizzjonijiet li "The Agency shall be responsible for all oblgations including payment of rates agreed to arising in connection with the services provided by it pursuant hereto. SMS shall have no liability whatsoever for any such obligations and in particular for settlement of any rates or material damages incurred by the Establishment (l-attriċi) in providing the service to any of the Agencies." Tgħid illi dawn iż-żewġ kuntratti li jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejn l-Kempinski u SMS u ż-żewġ kuntratti oħra, Dok A[3] u Dok DS1, iffirmati mit-tliet partijiet, "jikkontemplaw rati partikolari, li allura kellhom jitqiesu applikabbli għan-negozju li jinvolvi lill-konvenuta Lowcost, ad esklużjoni minn kull rata oħra miftiehma fil-kuntratti Dok SM1 u Dok SM2."

[2] Fol. 37 - 40
[3] Fol. 4 *et seq*

21. Tirreferi għall-kuntratt Dok SM1 u Dok SM2 iffirmati mit-tliet partijiet, u b'mod partikolari għal klawsola 9.5 fejn jingħad illi "This Agreement and Schedule ... contains the whole agreement between the parties in respect of the Property and the Arrangements and supersedes and replaces any prior written or oral agreements or understandings between them relating to such subject matter". Tgħid l-appellata illi din klawsola turi biċ-ċar illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija regolata b'dan il-ftehim u mhux minn xi ftehim ieħor. F'dan is-sens il-ħames eċċezzjoni ta' SMS ma hix fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

22. Tikritika l-aggravju tal-appellanti illi hija ma kenitx parti f'dan in-negozju. Tgħid li dan mhux minnu u ssemmi illi SMS assumiet sew drittijiet kif ukoll dmirijiet. Issemmi b'eżempju li SMS kellha l-jedd tippretendi u titħallas kummissjoni mingħand l-attriċi. *Inoltre*, SMS kienet tiġi fatturata mill-attriċi u kienet tħallas lill-attriċi dak dovut nieqes il-kummissjoni tagħha. Kellha wkoll SMS obbligazzjonijiet lejn Lowcost fir-rigward ta' prenotazzjonijiet u interazzjonijiet oħra mal-attriċi. Dan kollu juri, issostni l-appellata, illi SMS "kienet indubbjament parti fin-negozju ġuridiku li kien għaddej" u li għalhekk is-sottomissjonijiet tagħha li hija ma hix parti għandhom jiġu skartati.

23. Tgħid li mhux minnu dak sostnut mill-appellanti, illi lir-rwol ta' SMS kien sempliċement ta' *travel handler* u mhux *travel agent*. Tirreferi għax-

xhieda minnha mressqa li spjegaw illi SMS "kienet topera f'xi daqqiet bħala "travel agent" u f'xi daqqiet bħala "travel handler" fejn tal-ewwel jagħmel arranġament dirett mal-lukanda filwaqt li tat-tieni jaġixxi bħala intermedjarju bejn lukanda u t-*travel agent* ieħor. Tirrileva illi l-kuntratti Dok SM1 u Dok SM2 annessi mar-risposta ġuramentata ta' SMS ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-kawża peress li skont l-appellata dawn "kienu proprju jirrigwardaw negozju mwettaq mill-appellanti bħala 'travel agent'", filwaqt li n-negozju mertu tal-kawża odjerna huwa regolat bil-kuntratti li fih hemm ukoll Lowcost fosthom dak datat 14 ta' April, 2016 esebit bħala Dok A anness mar-rikors ġuramentat, u oħrajn.

24. Tikkuntrasta r-raġunament tal-appellanti illi għax kienet taġixxi bħala *travel handler* allura ma setgħet qatt tinstab responsabbli għall-ħlas. Issejjah dan ir-raġunament bħala wieħed fallaċi u żżid tgħid li l-appellanti tonqos milli tispjega għaliex *travel handler* ma jiffigurax ruħu wkoll fil-figura ta' kummerċjant kummissjonant, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Tgħid li kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellanti, ir-rwol ta' intermedjarju huwa proprju wieħed mill-ingredjenti, flimkien ma' oħrajn, li joħolqu fl-appellanti l-leġittimazzjoni passiva għad-dejn pretiż mill-attriċi appellata.

25. Tgħid illi s-sottomissjoni tal-appellanti illi hija kienet tieħu kummissjoni prattikament ta' xejn ma tistax tiġi meħuda bis-serjetà. Iżżid

tgħid illi kieku l-appellanti ma kenitx parti fin-negozju, kienet tipprotesta bil-fatt li kienet qed tiġi fatturata direttament hi u mhux Lowcost. Tispjega illi l-appellanti ma pprotestatx proprju għaliex kienet tirċievi mingħand l-attriċi kummissjoni fuq kull fattura. Ma hu minnu xejn, tgħid l-appellata, li wieħed jista' jislet xi konklużjoni mill-fatt li l-appellanti kienet tistenna li tirċievi l-pagament mingħand Lowcost qabel tħallas lill-attriċi. Tant hu hekk illi mal-ewwel okkażjoni li SMS ma ħallsithiex fetħitilha din il-kawża.

26. Dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li tinkwadra lill-appellanti bħala kummerċjant kummissjonant, l-appellata tgħid illi bil-fatt li jkun magħruf li l-kummissjonant ikun qed jaġixxi fl-interess ta' ħaddieħor, ma jwaqqafx lill-kummissjonant milli jibqa' jitqies bħala tali. Artikolu 97 tal-Kodiċi tal-Kummerċ ma jipprovdix illi l-kummissjonant huwa projbit milli jagħti l-isem tal-persuna li għalih qed jaġixxi, imma biss li mhux obbligat jagħmel hekk.

27. Tgħid li għalkemm huwa minnu li SMS kienet ukoll taġixxi fuq ordni ta' Lowcost; iżda dan kienet tagħmlu f'isimha u fl-interess tagħha proprju tant li kienet titħallas mill-attriċi u mhux minn Lowcost. Kienet SMS li tagħmel il-prenotazzjonijiet ma' Kempinski u mhux Lowcost u kienet SMS li tirċievi t-talbiet ta' Kempinski għall-ħlas dovut lill-attriċi. Tkompli tissottometti illi "... SMS kienet qed titħallas kummissjoni mill-attriċi għax-xogħol tagħha, rappreżentanti l-profitt perċepit mill-istess konvenuta SMS mill-bejgħ magħmul minnha lill-attriċi. Dan il-profitt imħallas lilha huwa evidenza ċara li l-konvenuta SMS f'dan in-negozju ġuridiku ma kienetx

qed topera biss u unikament għan-nom tal-konvenuta Lowcost, iżda kienet involuta wkoll <u>personalment</u>. Ll kien mod ieħor, il-ħlas lilha kien isir mill-prinċipal tagħha, u mhux mit-terz, u l-fatt li l-konvenuta SMS kellha introjtu ġej mill-attriċi jfisser li għandha relazzjoni personali versu l-attriċi, kuntrarjament għal dak minnha eċċepit fir-risposta maħlufa tagħha."

28. Tagħlaq ir-risposta tagħha billi tissottometti illi għalkemm huwa minnu li bejn il-kawża ċitata mill-Ewwel Qorti (**Vivaldi Hotels Operations Limited vs. Intramed Limited**) hemm xi differenzi mill-każ odjern, dawk id-differenzi mhux biżżejjed biex jiskaġonaw lill-appellanti mill-figura tal-kummerċjant kummissjonant." Tissottometti illi s-saħħa persważiva tal-ġurisprudenza mhijiex naxxenti mill-identiċità tal-*fattispecie* tal-każijiet diversi, iżda mill-applikabbiltà tal-prinċipju li jkun instilet minn dik id-deċiżjoni.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

29. Il-kwistjoni primarja f'dan l-appell tirrigwarda l-irwol li SMS kellha, jekk kellha, fin-negozju li dwaru Kempinski qed tippretendi l-ħlas mhux biss mingħand Lowcost imma wkoll *in solidum* mingħand SMS.

30. Kif rajna, hemm divverbju sħiħ bejn l-appellanti u l-appellata dwar jekk hux minnu, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti, li f'dan in-negozju SMS hija

kummerċjant kummissjonant (*commission merchant*) fit-termini tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13). Hemm ukoll nuqqas ta' qbil dwar liema kuntratt jew kuntratti minn dawk esebiti jirregola/w in-negozju mertu tal-kawża odjerna.

31. Kempinski topera lukanda fil-Gżira ta' Għawdex. Sew SMS kif ukoll Lowcost iffirmaw kuntratti ma' Kempinski. Dawn jinqasmu fi tnejn. Kuntratti li ġew iffirmati bejn Kempinski, SMS u Lowcost li fuqhom qed issejjes l-azzjoni tagħha l-attriċi appellata u li esebiet mar-rikors promotur. (Aktar 'l isfel imsejħa **Ftehim KMP-LC-SMS**). Kuntratti oħra ffirmati minn Kempinski u SMS, imma mhux ukoll minn Lowcost, li ġew esebiti minn SMS mar-risposta ġuramentata tagħha fejn issostni li dawn huma l-prova li ma hix responsabbli għall-ħlas reklamat mill-attriċi, (aktar 'l isfel imsejħa **Ftehim KMP-SMS**).

32. Opportun nikkunsidraw l-għażliet tal-attur fir-rigward tan-natura tal-azzjoni minnu promossa.

33. L-attur huwa liberu li jagħżel ix-xorta ta' azzjoni li jrid iressaq quddiem il-qrati. L-azzjoni attriċi ma tbiddilx in-natura tagħha bl-effett tad-difiża li l-konvenut iressaq b'kuntrast għaliha. Mal-libertà tal-attur fl-għażla tal-azzjoni promossa tintrabat il-konsiderazzjoni illi huwa fuq l-attur li jaqgħu l-konsegwenzi jekk tali għażla tirriżulta, għal xi raġuni jew oħra, difettuża.

34. Dak li tassew iħoll u jorbot kollox għalhekk huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors ġuramentat. Ingħad diversi drabi illi huwa biss dak li jitniżżel fir-rikors ġuramentat li għandu jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha. (Ara **Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited** - Qorti tal-Appell - 18 ta' Jannar, 2024; **Anthony Busuttil et. v. Jennifer *sive* Wendy Busuttil et.** - Qorti tal-Appell - 18 ta' Jannar, 2024; **Mahmoud Chehade v. L-Avukat Generali et. -** 9 ta' Mejju, 2024). Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikristalizzaw l-oġġett tal-kawża li minnhom tinstilet in-natura tal-azzjoni attriċi. (Ara **Vincent Ciappara et v. Nazzareno *sive* Reno Bartolo et.** - Qorti tal-Appell - 15 ta' Novembru, 2023). Marbut sfiq man-natura tal-azzjoni hemm wisq tad-drabi l-kapaċità li fiha ġie mħarrek il-konvenut.

35. Ladarba fis-sistema tagħna huwa mħolli għal kollox f'idejn l-attur li jagħżel ix-xorta ta' azzjoni li biha jadixxi lill-Qorti għall-protezzjoni tad-drittijiet minnu pretiżi, jeħtieġ qabel xejn illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, nerġgħu nħarsu lejn il-premessi u t-talbiet attriċi.

36. Fil-premessi tagħha l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha billi ssostni illi:

- L-attriċi kellha ftehim maż-żewġ konvenuti;

- L-attriċi kienet tirċievi prenotazzjonijiet minn SMS fuq inkarigu u dwar klijenti ta' Lowcost;
- L-attriċi kienet tiffattura lil SMS;
- SMS kienet tħallas dawk il-fatturi;
- SMS kienet titħallas kummissjoni fuq il-prenotazzjonijiet tal-klijenti ta' Lowcost;
- Mill-prenotazzjonijiet magħmula minn SMS dwar klijenti ta' Lowcost għad hemm bilanċ ta' €20,086;
- L-ammont huwa dovut solidalment minn SMS u Lowcost.

37. L-attriċi esebiet il-ftehim li ssemmi fil-premessi, Dok. A anness marrikors ġuramentat. Dan il-ftehim datat 14 ta' April, 2016 huwa ffirmat mit-tliet partijiet, l-attriċi u ż-żewġ konvenuti. Fuq kull paġna ta' dan il-ftehim hemm imniżla l-kliem: "Location: Kempinski Hotel San Lawrenz, Gozo Malta; Reservations To: SMS Malta S Mifsud & Sons Ltd; Payments To: SMS Malta S Mifsud & Sons Ltd. - Booking Dates : 14 April '16 to 30 April '17". Kuntratt simili tiegħu jirreferi għall-*Booking Dates*: 10 ta' Dicembru 2015 sal-31 ta' Ottubru, 2016.[4] (Ftehim KMP-LC-SMS).

38. Klawsola numru 1 intitolata "Definitions" tipprovdi illi "Agent" means Lowcostbeds.com AG of …. Switzerland"; "Principal" means the person(s), firm or company named as such in the Schedule." Tipprovdi

[4] Dok. DS1 a fol. 69 *et seq*

wkoll illi "the Agent sells the Arrangements …. On behalf of the Principal". Fis-Schedule nsibu fost l-oħrajn illi "The Principal shall provide the Agent with at least equal or uniform rates and availability for similar Accomodation as applied to other agents".

39. Klawsola 2 tal-ftehim tipprovdi illi: "2.1 The Principal hereby appoints the Agent as its agent to market and sell the rooms, facilities, meals and other goods and services at or in connection with the Property specified in this agreement during the periods and at the prices specified in the Schedule … and shall provide and make available the Arrangements for the exclusive use of the Buyers abd/or Clients".

40. Il-kuntratt huwa ċar illi Kempinski bħala Prinċipal qed tappunta lil Lowcost bħala l-Aġent tagħha "to market and sell the rooms, facilities meals....", filwaqt li l-*bookings* u l-ħlasijiet kellhom isiru mhux direttament minn Lowcost imma minn SMS lil Kempinski. Dan huwa s-sehem ta' SMS f'dan il-ftehim. Tant hu hekk illi matul is-snin li l-partijiet ħadmu dan il-ftehim, il-fatturi prattikament kollha li kienet regolarment toħroġ Kempinski dwar il-*bookings* li tkun onorat, ma kenitx toħroġhom f'isem Lowcost imma f'isem SMS. L-istess il-pagamenti, ma kinux isiru minn Lowcost lil Kempinski imma minn SMS lil Kempinski wara li tkun irċeviet il-fondi mingħand Lowcost.

41. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-operazzjonijiet ta' bejn it-tliet partijiet kienet riflessjoni ta' dak miftiehem fil-Ftehim KMP-LC-SMS fejn ġie stipulat kjarament illi Kempinski qed tappunta lil Lowcost bħala aġent tagħha filwaqt li dawn ftehmu illi l-*bookings* u l-ħlasijiet bejniethom iseħħu *tramite* SMS.

42. Magħmula din il-kunsiderazzjoni, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti illi s-sehem ta' SMS f'dan il-ftehim qiegħda fil-figura ta' kummerċjant kummissjonant fit-termini tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

**L-Aġent**.

43. L-**Artikoli 50 sa 56 tal-Kodiċi Kummerċjali** jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejn ir-rappreżentant u l-prinċipal. Jibda biex jingħad li l-atti magħmulin mir-rappreżentant għall-prinċipal iġibu effett dirett fuq il-prinċipal; fi kliem ieħor aġent mhuwiex personalment responsabbli għall-atti li jagħmel fil-vesti rappreżentattiva tiegħu. *In oltre* meta l-liġi trid li att isir bil-miktub, is-setgħa mogħtija lir-rappreżentant sabiex jagħmel dak l-att għandha tingħata bil-miktub. Kull rappreżentant għandu jagħti lit-terzi kull informazzjoni dwar sa fejn jaslu s-setgħat mogħtija lilu mill-prinċipal.

44. Il-**Professur Andrew Muscat** fil-kiteb tiegħu ***Principles of Maltese Company Law*** għamel is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-irwol ta' rappreżentant (*agency*) taħt il-liġi Maltija:

> "*An analysis of the position under Maltese Law requires an examination of agency and mandate since the two institutes are closely related. The principles relating to agency are found primarily in the Commercial Code [Articles 49 to 109]. However, in the absence of provisions in the Commercial Code, of custom or of an agreement to the contrary, agency is regulated by the provisions in the Civil Code relating to mandate.*
>
> *In broad terms, agency is a contract whereby one party, the principal, authorises another, the agent, to act in his name and on his behalf in a legal relationship between the principal and a third party. The main juridical effect of an agency relationship is that all acts done by the agent on behalf of the principal, within the scope of his authority, produce directly their effect whether in favour of or against the principal. Agency can be express or implied. Where, however, the law requires that an act be expressed in writing, the authority given to an agent to perform such act must be conferred in writing. The agent is bound to disclose the principal's name and to act in his name. the fact that the agent acts in the name of principal should result, expressly or implicitly from the act itself or from the circumstances of the case. The agent is bound to furnish to the third party all information as to the extent of the authority conferred on him by the principal. The principal is not bound by any act of the agent carried out beyond the scope of the authority conferred upon him, unless the principal has expressly or implicitly ratified it.*"[5]

**Il-Mandat**.

45. Il-mandat m'għandux għalfejn ikun bil-mitkub, iżda jista' jkun bil-fomm u saħansitra anke taċitu, (jista' jingħata: (i) b'att pubbliku, (ii) b'kitba privata, (iii) b'ittra jew bil-fomm, jew (iv) ukoll taċitament (Art. **1857(2), Kodiċi Ċivili**) **(**ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut -*** Appell Superjuri - 17 ta' Marzu, 2021).

46. Lanqas l-aċċettazzjoni min-naħa tal-mandatarju ma teħtieġ xi forma partikolari għaliex skont l-**artikolu 1858 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, din

[5] Profs. Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law (Volume One)* (2nd Ed, 2019) Paġna 436 – 437.

tista' wkoll tkun taċita u tidher mill-fatt (ara ***Vincent Camilleri v. Emanuel Camilleri et*** - Appell Superjuri - 26 ta' Ġunju, 2015).

47. Il-mandat taċitu jiddependi minn imġiba waħdanija u konkludenti li minnha tista' tingħaraf l-għotja tal-mandat u l-aċċettazzjoni tiegħu. (Ara ***David Chetcuti nomine v. Richard K. Kandler*** - Appell Inferjuri - 15 ta' Novembru, 2006). M'hemmx kwistjoni li min jallega l-eżistenza tal-mandat, għandu fuqu l-piż li jippruvah. (Ara ***Ethel Farruġia v. Albert von Brockdorff noe*** - Appell Kummerċjali - 5 ta' Frar, 1971).

**Il-Kummerċjant Kummissjonant**.

48. Il-kummerċjant kummissjonant hu regolat taħt il-liġi nostrana bis-**sub- Titolu VI, tat-Titolu IV intitolat "Fuq il-Persuni Awżiljarji tal-Kummerċjanti", tat-Taqsima I tal-Kodiċi tal-Kummerċ**. Il-kummerċjant kummissjonant hu dak li, f'ismu jew taħt l-isem ta' ditta soċjali, jagħmel atti ta' kummerċ b'ordni jew akkont ta' prinċipal. Il-kummerċjant kummissjonant mhux obbligat jagħti l-isem tal-prinċipal, il-persuna li għaliha jaġixxi. Huwa obbligat direttament ma' dawk li magħhom jikkuntratta, daqs li kieku l-operazzjoni kienet tiegħu nnifsu. Il-prinċipal m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-kummerċjant kummissjonant ikun ikkuntratta, lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-prinċipal.[6]

[6] Art. 96, 97 u 98, Kodiċi tal-Kummerċ

49. Il-kummerċjant kummissjonant jista' jitbiegħed mill-istruzzjonijiet li jirċievi mingħand il-prinċipal jekk hu jaħseb li dan kien jagħti l-approvazzjoni tiegħu kieku kien jaf bit-tibdil tal-kondizzjonijiet, u ma jkunx hemm żmien biżżejjed biex jitlob u jieħu minn qabel il-kunsens tiegħu.[7]

50. Fin-nuqqas ta' ftehim jew użu kuntrarju, il-kummerċjant kummissjonant ma jweġibx għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet li tieħu fuqha l-persuna li magħha huwa jikkuntratta; u jekk jieħu din ir-responsabbiltà, huwa jkollu jedd għal kummissjoni speċjali, imsejħa *star del credere*, li, meta ma jkunx hemm ftehim, tiġi meqjusa fuq l-użu tal-lok fejn il-kummissjoni tiġi esegwita.[8]

51. Il-kummerċjant kummissjonant jista' jaċċetta jew jirrifjuta l-mandat tal-prinċipal. Iżda jekk ma jaċċettahx, hu għandu, mingħajr ebda dewmien, jagħti avviż tar-rifjut tiegħu lill-prinċipal. Il-kummerċjant kummissjonant jista' ma jesegwix il-kummissjoni li jkun ġà aċċetta, jekk wara tinqala' raġuni li ġġiegħlu jaħseb li l-prinċipal m'għandux fondi biżżejjed biex iwieġeb għall-obbligazzjonijiet tiegħu, u, f'dan il-każ, hu għandu, mingħajr ebda dewmien, jagħtih avviż tar-rifjut tiegħu.[9]

---

[7] Art. 99, Kodiċi tal-Kummerċ
[8] Art. 101, Kodiċi tal-Kummerċ
[9] Art. 103, Art. 104 - Kodiċi tal-Kummerċ

52. Il-kummerċjant kummissjonat huwa meqjus bħala tip partikolari ta' mandat; essenzjalment mandat mingħajr rappreżentanza u bħala tali huwa regolat bi provvedimenti partikolari u speċjali għalih. Għandu bħala oġġett mandat speċjalizzat, l-obbligu da parti tal-kummerċjant kummissjonant li jaġixxi f'ismu proprju permezz ta' atti ġuridiċi li għalkemm qed jeżegwihom f'ismu proprju, fl-istess ħin huma fl-interess tal-prinċipal/kommittent. Huwa regolat bir-regoli tal-mandat kif modifikati bir-regoli espressament promulgati għal din il-figura awżiljarja tal-kummerċjanti bl-aktar waħda rilevanti dik li fil-konċessjoni tal-kummissjoni hija estranea għal kollox ir-rappreżentanza.

53. Jekk inħarsu lejn il-figura tal-kummerċjant kummissjonant taħt il-liġi Taljana nsibu illi diversi provvedimenti tal-Kodiċi tal-Kummerċ tagħna dwar il-kummerċjant kummissjonant huma simili għal dawk li kienu jinstabu fil-Kodiċi Kummerċjali Taljan qabel ġie abbrogat u l-figura ta' dak li fil-ġurisdizzjoni Taljana jissejjaħ "Commissionario" ġiet trasposta, b'xi emendi, fil-Kodiċi Ċivili tal-1942.[10]

54. Rilevanti għall-finijiet ta' dan l-appell dak li nżamm mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana f'sentenza tal-5 ta' Mejju, 2004[11] dwar il-karatteristiċi tal-figura tal-'commissionario':

---

[10] "Il contratto di commissione è un mandato che ha per oggetto l'acquisto o la vendita di beni per conto del committente e in nome del commissionario" - Art. 1731 - Kodiċi Ċivili Taljan

[11] Cassazione civile, Sez. III, sentenza n. 8512/2004

> "Il contratto di commissione, essendo un sottotipo qualificato di mandato senza rappresentanza, si distingue dal mandato con rappresentanza per l'assenza della *contemplatio domini* (cioè della spendita del nome del mandante), cosicché mentre il negozio concluso dal mandatario con rappresentanza produce i suoi effetti direttamente in capo al mandante, quello posto in essere dal commissionario produce i suoi effetti giuridici nel patrimonio dello stesso commissionario, occorrendo un ulteriore atto giuridico per riversarli nel patrimonio del committente"

55. Sabiex tissussisti l-figura ta' kummerċjant kummissjonant li l-Ewwel Qorti sabet f'SMS, jeħtieġ li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet u l-karatteristiċi kollha kif stipulati fil-provvedimenti tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jirregolaw din il-persuna awżiljarja għall-kummerċ. Fost dawk il-karatteristiċi hemm dik li nsibu f'Artikolu 98 tal-Kodiċi tal-Kummerċ illi dawk li magħhom il-kummerċjant kummissjonant ikun ikkuntratta ma għandhomx azzjoni kontra l-prinċipal tal-kummerċjant kummissjonant meta magħruf, lanqas *vice versa.*

56. L-Ewwel Qorti, qabel ma kkonkludiet li s-soċjetà appellanti SMS għandha titqies bħala kummerċjant kummissjonant, għamlet referenza għas-sentenza **Vivaldi Hotels Operations Ltd vs. Intramed Ld** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007 fejn inżamm illi:

> "Il-posizzjoni li qed tipprospetta s-socjeta` konvenuta hija dik ta' mandatarju inkwantu hija ssostni li hi tagixxi ghan-nom u fl-interess tat-"tour operators" u bhala tali ma hemmx responsabbilita` diretta da parti taghha ghal xi nuqqas tal-istess "tour operator". Izda din il-Qorti taghmel referenza ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw l-istitut tal-mandat u senjatament l-Artikolu 1879 li jiddisponi li: "Il-mandatarju, illi jkun gharraf bizzejjed bis-setghat tieghu lill-parti li maghha jkun ittratta f'dik il- kwalita`, ma jwiegeb ghal ebda garanzija

dwar dak li jkun ghamel barra minn dawk il-limiti, hlief jekk hu jkun obbliga ruhu huwa nnifsu ghaldaqshekk."

Mill-provi prodotti jidher li fit-trattativi li s-socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` attrici l-istess socjeta` konvenuta, ghall-anqas fil-maggor parti tat-trattativi ma indikatx li hija kienet qed tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta' persuna ohra, anzi l-ordnijiet kienu jsiru f'isimha u l-invoices kienu jinhargu f'isimha minghajr ebda protesta da parti taghha. Anzi meta fil-"vouchers" li kienu jigu prezentati lis-socjeta` attrici kien jissemma xi "tour operator" dan l-istess dokument kien jispecifika "**Booked and paid by IntraMed Travel Bureau Malta**". Jidher ghalhekk li s-socjeta` konvenuta, anke jekk seta' kellha arrangamenti ta' "handling agent" mat-tour operators esteri, fatt li ma giex pruvat b'mod konklussiv, xorta wahda l-istess socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghat-talba attrici billi qatt ma indikat lill-istess socjeta` attrici li hija kienet qed tidher ghan-nom ta' haddiehor u mhux f'isimha b'mod li svijjat lill-istess socjeta` attrici."

57. Fis-sentenza **Mallard Co Ltd vs Edrichton Holidays Ltd** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-29 ta' Jannar 2022, wara li l-Qorti qieset li ma kien hemm ebda ftehim kuntrattwali bejn is-soċjetà attriċi f'dik il-kawża u Lowcostbeds.com Ltd, waslet "*għall-konklużjoni li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi anke fir-rigward tal-bookings li kienu saru minnha b'riżultat t'arranġamenti li kienet għamlet mat-tour operator esteru Lowcostbeds.com.Ltd*.".

58. Fis-sentenza **Dolmen Complex Ltd vs Edrichton Holidays Ltd** mogħtija fl-14 ta' Jannar 2020 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, appellata imma l-appell ġie ċedut fit-28 ta' Novembru 2024, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Baqghet mhux maghrufa ix-xorta ta' relazzjoni bejn il-konvenuta u LowcostBeds.com Limited. Madanakollu, mill-provi fl-atti l-Qorti hija sodisfatta li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u s-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited u kwalunkwe ftehim li kien hemm bejn

il-konvenuta u l-imsemmija soċjetà estera huwa *res inter alios acta* għall-attriċi.

[…]

Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija regolata mill-iskritturi msejħa 'Allocation Agreements' li ġew preżentati fl-atti. Il-konvenuta ma tistax taħrab milli obbligi tagħha bl-iskuża li fuq id-dokument li kienet tibgħat lill-attriċi bħala prenotazzjoni kien ikun hemm miktub li hija mhux responsabbli għall-ħlas, għaliex jibqa' l-prinċipju kardinali skont l-artikolu 992 tal-Kap. 16 li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom, *pacta sunt servanda.* Imbagħad, skont l-artikolu ta' wara, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

Bil-fatt illi l-attriċi qatt ma oġġezzjonat dwar x'kien ikun hemm miktub fuq il-confirmation vouchers ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taċċetta xi tibdil fil-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet jew b'xi mod tirrinunzja għad-drittijiet tagħha. Id-disclaimer in kwistjoni ma huwa xejn ħlief dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenuta.

[...]

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuta qatt infurmat lill-attriċi li t-talba għall-alloġġ kienet qed issir għal xi ħadd ieħor jew li hija kienet qed tidher biss bħala aġenti jew bħala rapprezentant ta' xi persuna oħra, kif huwa l-obbligu ta' kull aġent skont l-artikolu 54(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Qabel ma l-konvenuta rriskontrat diffikultajiet sabiex tiġbor flusha, qatt ma kienet tat x'tifhem lill-attriċi li kienet qed tikkuntratta bħala mandatarja ta' xi ħadd.

[...]

Anke li kieku għall-grazzja tal-argument il-konvenuta kienet fil-fatt qiegħda tagixxi ta' agent jew rappreżentant lokali ta' LowcostBeds.com Limited, skont il-klawsola numru 15 tal-iskritturi ffirmati bejn il-partijiet, hija xorta tibqa' responsabbli għall-ħlas b'mod solidali mal-imsemmija soċjetà estera."

**Ikkunsidrat:**

59. Din il-Qorti tqis illi jekk u meta l-*fattispecie* ta' każ partikolari jagħtu jedd ta' azzjoni kontra l-prinċipal lil dawk li magħhom ikun ikkuntratta l-

mandatarju, bħalma hu l-każ li għandna quddiemna, il-figura ta' kummerċjant kummissjonant ma tissussistix għaliex tneħħi l-fondament ta' din il-figura ġuridika.

60. Huwa għalhekk kontradittorju għall-aħħar l-argument tal-attriċi illi qed tħarrek lil SMS bħala kummerċjant kummissjonarju bis-saħħa tal-ftehim tal-21 ta' April 2016, u oħrajn simili għalih, meta dawk il-kuntratti kienu jistipulaw kjarament illi Kempinski qed tingaġġa lil Lowcost bħala l-aġent "to market and sell the rooms, facilities, meals and other goods and services….". Dan mhux neċessarjament jeżonera lil SMS minn obbligi versu l-attriċi; imma fil-fehma ta' din il-Qorti, il-figura ta' kummerċjant kummissjonarju ma tiċċentra xejn fil-*fattispecie* partikolari ta' din il-kawża speċjalment meta l-kuntratt li fuqu l-attriċi sejset l-azzjoni tagħha huwa kuntratt primarjament bejn Kempinski u Lowcost fejn dawn addirittura ftehmu illi "The validity, construction and performance of this agreement shall be governed by English Law and shall be subject to the exclusive jurisdiction of the English Courts to which the parties hereby submit".

61. Mela hawn mhix kwistjoni, kif poġġietha l-attriċi, illi ma hemm xejn kontra l-figura ta' kummerċjant kummissjonant illi l-prinċipal ikun magħruf. Huwa minnu li l-għarfien tal-prinċipal ma jwarrabx il-figura ta' kummerċjant kummissjonant. Però daqstant ieħor minnu illi altru l-prinjċipal ikun magħruf; u altru jkun parti fin-negozju. Għalhekk, altru

sitwazzjoni fejn il-prinċipal huwa magħruf lil persuna ma' min jikkuntratta l-kummerċjant kummissjonant imma l-kuntratt huwa biss mal-kummerċjant kummissjonant, u altru kuntratt magħmul direttament ukoll mal-prinċipal b'dan tal-aħħar jassumi obbligazzjonijiet direttament mal-parti l-oħra. Rilevanti wkoll illi fil-kuntratt *de quo* r-rappreżentant ta' Lowcost iffirma taħt il-kliem "Buyer Signature" filwaqt li r-rappreżentant ta' Kempinski ffirma taħt il-kliem "Hotelier Signature". Altru milli ma hemmx jedd ta' azzjoni bejn Kempinski u Lowcost.

62. Stabbilit illi, kuntrarjament għal dak miżmum mill-Ewwel Qorti, SMS ma tissodisfax il-figura ta' kummerċjant kummissjonant kontemplat fil-Kodiċi tal-Kummerċ, jeħtieġ naraw il-kuntratti li hemm bejn il-partijiet u jekk mill-provi mressqa hemmx responsabbiltà ta' SMS għall-ammont reklamat mill-attriċi.

63. Il-*commission* li Kempinski kienet tħallas lil SMS ma toħroġx mill-ftehim KMP-LC-SMS imma minn kuntratti oħra din id-darba bejn Kempinski u SMS biss, kopja ta' liema ġew esebiti minn SMS mar-risposta ġuramentata tagħha ie. Dok SM1: Ftehim rigwardanti l-istaġun tax-Xitwa 2015/2016; u Dok SM2: Ftehim rigwardanti l-istaġun tas-Sajf 2016.(Ftehim KMP-SMS).

64. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess minn SMS illi huma biss il-Ftehim KMP-SMS li jirregolaw ir-relazzjoni bejn Kempinski u SMS. Għall-kuntrarju, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ftehim KMP-SMS huma kumplimentari għall-Ftehim KMP-LC-SMS. Dan għaliex fil-ftehim fejn insibu lil Kempinski u lil SMS biss, jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom dwar x'inhu dovut minn Kempinski lil SMS u *vice versa*.

65. Skont il-Ftehim KMP-SMS, Kempinski hija indikata bħala "the Establishment" filwaqt li SMS hija indikata bħala "Agency" meta ssir referenza għaliha biss u kollettivament ma' aġenziji oħra bħala "Agencies". Skont klawsola 8 ta' dak il-ftehim "The Agency shall be responsible for all obligations including payment of rates agreed to arising in connection with the services provided by it pursuant hereto. SMS shall have no liability whatsoever for any such obligations and in particular for settlement of any rates or material damages incurred by the Establishement in providing the services to any of the Agencies". Klawsola 9 tal-istess ftehim imbagħad tipprovdi illi "This agreement embodies the entire agreement between the parties and overrides any previous understandings, promises or representations."

66. L-attriċi appellata tgħid li dan il-ftehim ma għandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-kawża għaliex skontha jirregola biss dawk il-*bookings* li tagħmel SMS għan-nom tagħha u mhux għan-nom ta' aġenziji oħra.

67. Din il-Qorti ma taqbilx.

68. Tajjeb li qabel xejn inħarsu lejn il-liġi u l-ġurisprudenza regolanti l-interpretazzjoni ta' kuntratti.

69. Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens tal-partijiet kollha jew għal raġunijiet skont il-liġi.[12] Il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti bil-*bona fidi*, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.[13]

70. Inżamm a propożitu illi meta l-parti li taġixxi tkun trid *tipprova a favur* tagħha u barra mill-miktub, użu relattiv għall-mod tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, dan l-użu ma hux biss dak fis-sens veru u proprju ta' użu legali, li jkun ġenerali u jkun osservat minn kulħadd bħala liġi, imma jista' jkun dak li jissejjaħ 'pratica individuale' tal-kontraenti bejniethom. Però "... min jallega dan l-użu għandu mhux biss jippruvah bħala prattika abitwali individwali, imma għandu wkoll jasal biex jipprova illi dak l-użu sar "b'eżekuzzjoni ta' dover ġuridiku u mhux bħala att diskrezzjonali", u li anki jekk ma hux kuntrarju għall-miktub, ma hemm xejn li juri li l-intenzjoni

[12] Art. 992, Kodiċi Ċivili
[13] Art. 993, Kodiċi Ċivili

tal-partijiet kienet espliċitament kuntrarja illi dik il-prattika tkun obligatorja. Hija utili l-osservazzjoni tal-Godsmicht ... akkolta bħala korretta mill-Vivante ... fis-sens illi "quanto si fa tra due persone in rapporto di affari, per cortesia, tolleranza, liberalita' non diventa "uso", perche vi manca l-'opinio juris' ... id-dispożizzjoni tal-Art. 699 (Art. 993) Kod.Ċiv. ... ma tista' qatt tiġi estiża b'mod illi l-Qorti timponi fuq parti waħda, a rikjesta ta' l-oħra, patt li ma sarx u li dik il-parti wriet bil-kliem tagħha espliċitu li ma tridx; għaliex b'daqshekk il-Qorti tkun qiegħda tmur kontra l-istess liġi ladarba, b'dispożizzjoni oħra ta' dak il-Kodiċi (Art.698 (Art. 992)) jingħad illi l-konvenzjoni tal-partijiet għandha forza ta' liġi" **(Felice Gerada v. Ettore Pace et noe** - Qorti tal-Kummerċ - 15 ta' Diċembru, 1938).

71. Meta l-kliem ta' kuntratt, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni. Altrimenti jkun hemm il-periklu illi tista' tiġi sostitwita l-intenzjoni tal-kontraenti b'dik tal-ġudikant. (Ara. **S. M. W. Corti Limited v. Lewis Press Ltd** - Appell Superjuri - 31 ta' Jannar 2011). Mill-banda l-oħra, meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet. Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tiftiehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett. Il-kliem li jista' jkollu aktar minn tifsira waħda, għandu jiftiehem fis-sens li l-iżjed jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt. Il-klawsoli kollha

ta' kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħata s-sens li jidher mill-att kollu. U fid-dubju, il-kuntratt jiġi mfisser kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.[14]

72. Ir-rabta tal-konvenzjonijiet titnissel neċessarjament mill-unjoni tal-kunsens tal-partijiet u għalhekk il-kliem tal-konvenzjoni għandhom jassumu s-sens li l-partijiet ikunu manifestament riedu jagħtuhom jew li l-verità tal-operat tirrikjedi. (Ara **Dr Edgar Cuschieri noe v. Perit Gustav R. Vincenti** - Appell Superjuri - 13 ta' Frar, 1950; **Josephine Bonello et. v. Kummissarju tal-Art** - Appell Superjuri - 16 ta' Settembru, 1974).

73. Meta l-ftehim ikun ġie nkorporat fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu l-partijiet ġie mniżżel f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma hux leċitu li wieħed mill-kontraenti jipprova jinkludi f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipal. Provi orali huma ammissibbli biex jiġu eluċidati xi punti oskuri tal-kitba, jew f'każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba; iżda mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu hu diġà ċar. Provi orali kontra l-miktub huma ammissibbli meta jiġu offerti biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-partijiet u meta dik l-intenzjoni tkun ġiet espressa b'mod ambigwu jew oskur, u anki meta jrid jiġi provat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli

[14] Art.1002 - 1009, Kodiċi Ċivili

mal-att. Ir-regola tal-inammisibbiltà tal-provi testimonjali kontra l-mitkub tibqa', sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali; billi f'każi simili l-prinċipji bażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi. (Ara **Mary Gatt v. Onor Edgar Cuschieri noe.** - Appell Superjuri - 6 ta' Ġunju, 1955).

74. Huma prinċipji ġenerali tad-Dritt dawk ir-regoli ta' interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi li jipprovdu illi, meta każ mhuwiex direttament regolat minn dispożizzjoni partikolari, tista' u għandha, tirrikorri għal dawk id-dispożizzjonijiet jew prinċipji li jirregolaw każijiet li magħhom il-każ in kwistjoni għandu l-akbar analoġija. (Ara. **George Cassar v. Carmela Bonnici** - Appell Superjuri - 16 ta' Ġunju, 1961).

75. Ngħaddu issa sabiex, fid-dawl tal-liġi u l-ġurisprudenza applikabbli għall-interpretazzjoni tal-kuntratti, nikkunsidraw l-istipulazzjonijiet li l-partijiet, kollha flimkien jew uħud minnhom, inkludew fil-ftehim ta' bejniethom.

76. Dil-Qorti eżaminat Klawsola 8 tal-Ftehim KMP-SMS u tikkunsidra illi din tinqasam fi tnejn:

(i) "The Agency shall be responsible for all obligations including payment of rates agreed to arising in connection with the services **provided by it**[15] ..."

---

[15] Sottolinear ta' din il-Qorti.

(ii) "**SMS shall have no liability** whatsoever for any such obligations and in particular for settlement of any rates ... incurred by the Establishment **in providing the services to any of the Agencies**"[16].

77. Mal-ewwel daqqa t'għajn donnha din il-klawsola hija kontraditторja. Però meta tinqara fid-dawl tad-definizzjoni fl-istess kuntratt tal-kliem "Agency" u "Agencies" fl-istess kuntratt, temerġi interpretazzjoni plawsibbli waħda ie. meta SMS tagħmel il-*booking* f'isimha, hija tkun responsabbli għall-ħlas tal-*bookings versu* Kempinski; meta SMS tagħmel il-*booking* f'isem *travel agencies / tour operators* oħra, ma tkunx hi responsabbli għall-ħlas imma t-*travel agencies / tour operators* l-oħra.

78. Għalhekk jeħtieġ li nikkunsidraw jekk il-*bookings* li għalihom qed titlob il-ħlas l-attriċi jaqgħux taħt l-ewwel kategorija kontemplata fi klawsola 8 tal-Ftehim KMP-SMS jew inkella jaqgħux taħt it-tieni kategorija.

79. Mar-rikors ġuramentat l-attriċi annettiet prospett bil-lista tal-fatturi mhux imħallsa. Dan il-prospett juri d-data; in-numru tal-*booking*; l-isem tal-klijent li talab is-servizz; l-ammont; u fl-aħħar l-isem tal-aġenzija. Kull *booking* huwa abbinat ma' agenzija u f'dan il-prospett l-aġenzija hija dejjem indikata bħala "Lowcost".

---

[16] Sottolinear ta' din il-Qorti.

80. Il-*bookings* mertu tal-kawża magħmula minn SMS huma kollha indikati li qed isiru għall-agenzija Lowcost tant illi anke bħala *email* lil Kempinski, dawn il-*bookings* jintbagħtu minn *email* bl-isem lowcostbeds@sms.com.mt.

81. Ma kien hemm l-ebda dubju bejn il-partijiet illi dawn il-*bookings* kienu qed isiru minn SMS għan-nom ta' Lowcost u li skont il-Ftehim KMP-LC-SMS, il-*bookings* u l-ħlasijiet kellhom isiru minn Lowcost *tramite* SMS. Dan l-arranġament ma jbiddel xejn min-natura ta' dawn il-*bookings* li kienu u baqgħu *bookings* ta' Lowcost. Kienu *bookings* li SMS kienet qed tagħmel għan-nom ta' Lowcost u li skont il-ftehim KMP-SMS, "SMS shall have no liability ... for settlement of any rates ... incurred by the Establishment in providing the services to any of the Agencies". Kienet l-attriċi stess illi fuq il-prospett minnha anness mar-rikors ġuramentat, indikat illi f'kull *booking* l-agenzija kienet Lowcost u mhux SMS.

82. Il-fatt li Kempinski kienet qed toħroġ il-fatturi f'isem SMS u mhux f'isem Lowcost ma jbiddel xejn mill-ftehim li kellhom bejniethom Kempinski u SMS. Anzi proprju skont dak il-ftehim, għalkemm SMS kienet qed tagħmel il-*bookings* f'isem Lowcost, il-ħlasijiet lil Kempinski kienet ser tagħmilhom SMS u kien għalhekk meħtieġ li l-fatturi joħorġu f'isem SMS u mhux f'isem Lowcost. Ma jreġġix ir-raġunament tal-attriċi, illi għaliex kienet toħroġ il-fatturi f'isem SMS u qatt ma oġġezzjonat, kellu jsegwi li SMS assumiet personalment il-ħlas ta' dawk il-fatturi. F'dan ix-

xenarju hekk ftehmu Kempinski u SMS illi "SMS shall have no liability whatsoever..." Kienet konxja Kempinski illi jekk SMS ma tkunx fornita minn Lowcost bil-fondi meħtieġa sabiex tħallas il-fatturi; SMS ma kenitx responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għal dak in-nuqqas.

83. Isegwi għalhekk illi hija fondata l-ħames eċċezzjoni ta' SMS illi "... *ir-relazzjoni bejn is-soċjetà attriċi u dik eċċipjenti hija regolata permezz tal-ftehim hawn annessi u mmarkati Dok. 'SM1' u 'SM2' ai termini ta' liema – inter alia tgal-klawsola numru 8 – is-soċjetà esponenti ma hi responsabbli għall-ebda ħlas".* Fondati wkoll l-ewwel, it-tieni, u t-tielet eċċezzjoni.

84. Issib għalhekk illi l-appell ta' SMS huwa fondat u qed tilqgħu.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda,

1. Tilqa' l-appell tal-konvenuta appellanti S. Mifsud & Sons Limited;

2. Tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi tal-25 ta' Mejju, 2021 safejn sabet illi l-konvenuta S. Mifsud & Sons Limited solidalment debitriċi tal-attriċi fl-ammont ta' tmintax-il elf ħames mija u sitta u għoxrin ewro (€18,526), u safejn

ikkundannat lill-konvenuta S. Mifsud & Sons Limited tħallas lill-attriċi s-somma msemmija;

3. Tilqa' l-eċċezzjonijiet numri wieħed, tnejn, tlieta u ħamsa tas-soċjetà konvenuta S. Mifsud & Sons Limited;

4. Tiċħad it-talbiet attriċi safejn referibbli għall-konvenuta appellanti S. Mifsud & Sons Limited.

Bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tas-soċjetà attriċi San Lawrenz Operators Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss